# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 2 ta' Lulju 2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 1787/98mm**

**Ian Pace**

**vs**

**DHL International Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fit-22 ta' Settembru 1998 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-attur is-somma ta' mija u lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm101.65c) hawn aktar l-isfel maghrufa bhala "is-somma totali" rappresentanti (a) l-ammont ta' wiehed u hamsin liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm51.65c) bilanc ta' "national bonus" bejn ix-xhur ta' Lulju u Ottubru 1997, liema ammont huwa dovut lill-attur skond ir-rati miftiehma bejn is-socjeta' konvenuta u l-impjegati taghha u moghtija lill-istess impjegati, u dan kif johrog minn "memo" mahrug nhar l-14 ta' Jannar 1997; u (b) flimkien ma' l-ammont ta' hamsin liri Maltin

(Lm50) konsistenti f'"sickness benefit" moghti mis-socjeta' konvenuta lill-impjegati taghha (partikolarment ghal dawk li kienu jahdmu fl-"Operations Department" taghha fis-sena 1996), liema beneficcju kellu jinghata lil dawk fost l-impjegati li hadu anqas minn tlett ijiem "sick leave" tul is-sena 1996, liema somma totali, minkejja l-interpellazzjonijiet li sarulha baqghet ma thallsitx, bl-imghax u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' diversi ittri bonarji mibghuta f'dati differenti, kif ukoll tal-mandati kawtelatorji li gew ippresentati kontestwalment ma' l-avviz, kollox kontra s-socjeta' konvenuta u min jirrappresentahha li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament it-talbiet huma preskritti ai termini tal-ligi.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet huma ghal kollox, infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li l-allegazzjonijiet mhumiex vera u dan kif jista jigi ppruvat waqt il-kawza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta qieghdha tecepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-ligi. Il-Qorti tinnota li din il-preskrizzjoni mhijiex specifikata, la f'din l-eccezzjoni u lanqas f'xi verbal fil-kors ta' din il-kawza, ghalhekk il-Qorti tghaddi biex immedjatament tiddesponi minn din l-eccezzjoni, peress illi ma tistax di proprio tiehu l-inizjattivi u tindika l-artikolu rilevanti skond ma jidhrilha opportun.

Fil-fatt fil-kawza Cali vs Galea riportata (Vol XL pt I pg 166) "… il-Qorti ma tistax tapplika preskrizzjoni ex ufficio; ghax l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, biex il-Qorti tikkunsidraha, jehtieg illi tkun specifikata mill-eccipjent, u mhux bizzejjed li l-eccipjent ighid li jaghti l-eccezzjoni ta' kwalunkwe preskrizzjoni ohra skond il-Ligi. Ghax xorta ohra l-Qorti tkun qieghdha tissupplixxi ghal parti l-eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattivi….."

Fuq l-iskorta ta' din is-sentenza kwindi din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief tichad din l-ewwel eccezzjoni preliminari mqajjma mis-socjeta' konvenuta.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu rrizulta mill-provi illi l-attur beda fl-impjieg mas-socjeta' konvenuta fl-1996 u baqa sa Ottubru 1998. L-ilment tieghu huwa dwar in-nuqqas ta' pagament ta' bonus specjali kif ukoll xi drittijiet illi dehrlu illi kellu dwar beneficcju illi nghata dwar is-*sick leave*. Jidher illi s-socjeta' konvenuta ntroduciet zewg skemi sabiex tinkorigga lill-impjegati taghha fix-xoghol illi huma jwettqu. Wahda minn dawn kienet li jithallas paga extra dak li huwa maghruf bhala t-tlettax-il xahar maqsum

f'zewg pagamenti, wiehed f'Gunju u l-iehor f'Dicembru. L-incentiv l-iehor kien jirrigwarda s-sick leave, fejn jekk f'sena mpjegat  ma jiehux aktar minn tlett ijiem sick leave allura fl-ahhar tas-sena jinghata bonus ta' hamsin lira (Lm50).

Il-kontroversja principali li qamet bejn il-partijiet kienet dwar l-ewwel skema, jekk dina kienetx xi diskrezzjonarja jew le. L-attur jippretendi illi huwa kellu jithallas dan il-bonus peress illi hekk kien isir lill-impjegati l-ohra, pero' wkoll jirrikonoxxi illi l-kwistjoni tal-bonus kienet diskrezzjonarja, kif xehed hu stess a fol 10 et sequitur tal-process. Ix-xhieda illi gab il-konvenut kienu kollha jirreferu ghal dan il-bonus. L-aktar importanti kienet ix-xhieda ta' Michel Licari illi kien il-manager  dak iz-zmien li kien fl-impjieg l-attur. Licari kien managing director bejn 1993 u Frar 1996. Xehed illi l-bonus kien jinghata b'mod standard  u mhux diskrezzjonali u ma jafx illi kien hemm xi okkazzjoni meta dina kienet revokata fil-konfront ta' xi hadd.

Din ix-xhieda pero' hija kontrastata minn dik ta' Louis Bonnici a fol 56. Bonnici huwa l-*Finance Manager* mas-socjeta' konvenuta. Xehed kategorikament illi l-bonus kien wiehed diskrezzjonali u mhux parti mill-kondizzjonijiet ta' l-impjieg. Iddeskriva bonus differenti bazat fuq performance ta' l-impjegati u mhux bazat fuq it-tlettax-il xahar kif xehed l-attur. Fil-fatt irrizulta illi hemm konflitt bejn ix-xhieda ta' l-attur u x-xhieda ta' Louis Bonnici. Fejn l-attur isemmi din l-iskema bbazata fuq it-tlettax-il xhar maqsuma f'zewg pagamenti, Louis Bonnici isemmi skema differenti kompletament ibbazata fuq performance ta' l-impjegat fejn jinghata hamsa fil-mija (5%)  mill-profitti. Dawn il-

profitti jkunu maqsuma matul is-sena pagabbli b'rata ta' wiehed fil-mija (1%). L-attur esebixxa a fol 61 dokument LB 1 fejn semma n-*notional result bonus.* Ta' min ighid illi dan id-dokument gie fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1998 li kien ikopri parti miz-zmien illi kien fl-impjieg l-attur. Jibqa' l-fatt illi l-hlas ta' dan in-*notional result bonus* kien wiehed diskrezzjonarju. Fil-fatt fl-stess dokument illi esebixxa l-attur fejn gie trattat dan il-bonus jinghad "… on payment of the bonus to individuals is at the department managers discretion with agreement from myself".

Il-Qorti kellha l-okkazzjoni tara dan id-dokument u minnha jirrizulta illi dan il-bonus ma kienx wiehed awtomatiku izda kien jiddependi mill-performance ta' l-impjegat koncernat u kien diskrezzjonarju f'idejn il-*management*. Il-Qorti ma jidhrilhiex li kull impjegat kellu dritt jippretendi li jithallas dan il-bonus, jigri x'jigri. Barra minn hekk, il-Qorti tirrileva illi l-attur kien ipprometta illi jesebixxi prospett fejn jispjega ahjar it-talba tieghu. Fix-xhieda illi ta quddiem din il-Qorti huwa qal li qed jippretendi ic-cifra ta' mija u lira u hamsa u sittin centezmu (Lm101.65c) u spjega li parti minnha huwa bonus pro rata u parti *sick leave bonus* u parti interessi, pero' liema parti hija liema, l-attur qatt ma spjega.

Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tissupplixxi ghall-provi illi huma nieqsa minn parti jew ohra. La l-attur ghogbu ma jippresentax dan il-prospett din hija prova nieqsa illi taffettwa serjament it-tezi tieghu. Ma rrizultax minn provi ohra illi gew ippresentati quddiem il-Qorti liema huma c-cifri illi qed jippretendi illi ghandu jithallas l-attur. Dan ta' l-ahhar semma biss cifra wahda, minghajr ma ta l-ispjegazzjoni jew breakdown

taghha. Il-Qorti evidentement ma tistax taccetta din is-sitwazzjoni u ghalhekk, jidhrilha illi l-attur ma lahaqx dak il-grad ta' prova illi hija rikjesta mill-ligi ghas-success ta' l-istanza tieghu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit

Dep Reg